*Ejjew naghtu ġieh lil Xmun Pietru,*
*Ilkoll, bl-akbar ferħ, kull tifħir,*
*Kburin bil-patrun, maħbub tagħna,*
*Magħdud minn kulħadd b'qaddis kbir.*

# Alfred McIntyre u t-Traġedja tal-Hasting 498

*Intervista minn Conrad D'Amato*

## Introduzzjoni

Il-ħajja hi mimlija b'ħafna esperjenzi li minnhom kull bniedem jirrakonta ġrajja partikulari li forsi ftit ikunu għaddew minnha. U dan hu dak li għadda minnu l-ħabib tiegħi Alfred McIntyre snin ilu meta kien għadu ħafna iżgħar fl-et. Ġrajja li mhux la kemm tgħid li wieħed jgħaddi minnha mingħajr ma taffetwalu ħajtu. Fil-ħarġa ta' "Leħen il-Banda" tal-2003 kont ippublikajt artiklu dwar Karmnu Attard (l-Għawdxi) u t-traġedja tal-Fliegu tal-1948, li kienet qanqlet ħafna interess fost il-qarrejja. Xi snin wara kont iltqajt ma' Alfred jew kif inhu magħruf aħjar Freddie, li kien irakkontali l-istorja tiegħu u wara kont tlabtu sabiex nintervistah u nippublika din l-istorja wkoll. Forsi hawn ikolli nammetti li kien ħafna paċenzjuż miegħi għaliex minħabba l-ħajja ftit mgħaġġla tiegħi għaddew madwar ħames snin sakemm din l-intervista saret. F'Mejju li għadda ltqajna, u bit-tbissima simpatika fuq fommu reġa' mar eżattament 50 sena lura u rrakuntali dak kollu li għadda minnu.

## Freddie.... Min hu?

Kull min jafu personali naħseb li jaqbel miegħi jekk niddiskrevih bħala raġel simpatiku, ċajtier u qalbu tajba, u forsi fil-każ tiegħi paċenzjuz ukoll. Il-kumpanijja li joffri lin-nies ta' madwaru hi sabiħa ħafna u mhux la kemm tiddiskreviha bil-kliem. Freddie twieled f'Birżebbuġa nhar il-11 ta' Jannar tal-1940 u kien it-tielet wild minn disa' aħwa. Missieru Silvester kien Ingliż minn Midlesbrough, filwaqt li ommu, Antonia Schembri twieldet Ħal Luqa. Attenda l-iskola Primarja ta' Birżebbuġa u wara fl-iskola ta' Santa Ubaldeska f'Raħal Ġdid. Ħareġ mill-iskola ta' età żgħira u ħadem f'diversi xogħlijiet. Fl-1957 ta' żagħżugħ li kien, hekk kif twaqqfet il-Banda San Pietru beda jitgħallem il-mużika taħt it-treġija tas-surmast Carmelo Zammit u kien fost l-ewwel bandisti li ħarġu jdoqqu mal-Banda. Nhar is-7 ta' Frar tal-1958 ingħaqad mal-armata, li ovvjament f'dak iż-żmien kienet għadha mmexija mil-gvern Ingliż. Hawn beda karriera li offritlu diversi mumentu sbieħ u forsi oħrajn xi ftit koroħ bħal din li ha nirrakuntaw. Fis-27 ta' Mejju tal-1960 iżżewweġ lil Pia fil-knisja parrokjali taż-Żejtun u kellhom tliet itfal; Vincent, Maryanne u Carmen. Barra minhekk Freddie hu nannu ta' ħamsa. Tul ħajtu, Freddie apparti li kien involut fil-każin tal-Banda San Pietru fil-Ktajjen, għal diversi snin ifforma parti mil-kumitat tas-*St. Peter's FC* fi żmien is-Sur German, Eddie Paris, Berti Izzo, Leli Bugeja, Ninu Grixti u Robbie Muscat. Kienu s-snin sittin, meta l-każin tal-banda u l-każin tal-*football* kienu għadhom magħqudin flimkien. Barra minhekk Freddie għal xi snin kien jifforma parti mil-Eżekuttiv tal-Partit Laburista. Sal-lum Freddie għadu bniedem attiv u kwazi kuljum jagħti titwila fil-każin tal-Banda San Pietru fil-Ktajjen fejn hemm iqatta' ħafna ħin ma' sħabu, u propju dakinhar tal-intervista hemm sibtu, bil-*file* f'idu lest biex jgħaddili l-informazzjoni li kelli bżonn sabiex inħejji dan l-artiklu.



## It-traġedja tal-Hasting

F'dak iż-żmien Freddie kien jifforma parti mil-*"Malta Fortress Squadron"* jew kif kienu magħrufa bħala *"Royal Engineers"* li kienet skwadra fi ħdan l-armata li l-funzjoni tagħha kien li tmur f'postijiet fejn ikun se jsir xi intervent sabiex tħejji l-bżonnijiet neċessarji qabel ma jaslu s-suldati tal-infanterija. Barra minhekk din l-iskwadra kienet tieħu ħsieb proġetti




ta' kostruzzjoni f'postijiet fejn ikun hemm bażi militari. F'Settembru tal-1961 grupp ta' 210 persuni (fosthom il-protagonista ta' dan l-artiklu) flimkien ma' ħafna oħrajn minn diversi pajjiżi bdew missjoni li kienet imsemmija *"Ex Saturn Libya"* sabiex jibnu triq u mitjar żgħir qrib il-belt ta' Tobruk fil-Libja taħt it-tmexxija tal-Kmandant F.J. Boutright. Fl-10 ta' Ottubru tal-1961 kien wasal iż-żmien sabiex jirritornaw lura lejn Malta. Għalhekk madwar 40 raġel rikbu l-ajruplan *Hasting 498* tal-*"British Royal Air Force"* u fit-8.30 ta' filgħaxija tal-ħin tal-lokal, dan l-ajruplan ħa r-rankatura tiegħu fuq il-mitjar ta' El Adem sabiex jibda l-vjaġġ tiegħu lejn Malta. Iżda dan il-vjaġġ ma kellux ikun wieħed twil anzi nistgħu ngħidu li l-ajruplan baqa' fil-post. Hekk kif ħa t-*take off* u nqata' madwar ħames sulari mil-art, dan l-ajruplan niżel f'daqqa u bis-saħħa mal-art għal fuq ir-roti u mad-daqqa li ħa nfetħet u tqaċtet il-bieba tal-passiġieri. Mad-daqqa beda ħiereġ l-*aviation fuel* li ħa n-nar u hekk kif il-bieba nkisret in-nar beda dieħel ġewwa għal fuq l-imsejkna sħabu li wara xhur 'il bogħod mill-familja kellhom iħabbtu wiċċhom ma' din it-traġedja. Hekk kif l-ajruplan niżel mal-art, bħal immolla fuq ir-roti u reġa' tela' ftit, però peress li kien ħa n-nar reġa' niżel mill-ewwel fuq in-naħa tal-lemin tiegħu u kisser parti mill-ġewnaħ tal-istess naħa, imbagħad inqaleb fuq in-naħa tax-xellug u kisser il-ġewnaħ kollu ta' din in-naħa ukoll. L-ajruplan baqa' jitkaxkar fuq li kien baqgħalu mir-roti għal distanza twila ħafna barra r-*runway* u peress li kien ħiereġ il-*fuel* minnu beda jħalli bħal serbut ta' nar warajh.

Sfortunatament l-ajruplan tkaxkar fuq in-naħa tal-lemin tiegħu fejn kien hemm il-ħażna tal-*aviation fuel.* Hekk kif l-ajruplan waqaf mit-tkaxkira li ħa, il-passiġġieri kienu beżgħana li dan ħa jisplodi u għalhekk ħafna minnhom bil-ġenn tal-mument bdew jaqbżu 'il barra minn ġol-bieba tal-passiġġieri, imma sfortunantemt bdew jiġu eżatt ġon-nar. Oħrajn fostom Freddie ħarġu mill-*escape hatch* fejn ma kienx hemm nar u b'hekk salvaw u marru jagħtu l-għajnuna lil sħabhom. Hawn Freddie irrakontali x-xena ta' tkexkix li ra tiġri quddiem għajnejh meta ra lil sħabu ħerġin jiġru minn ġon-nar bil-ħwejjeġ u b'diversi partijiet minn ġisimhom neqsin. Wara rahom jaqgħu mal-art u jmutu maħruqin. Kienet xena li forsi ftit diffiċli sabiex nimmaġinaw, iżda din hi togħma żgħira minn dak li ra Freddie. Sfortunatament dawk kollha li nħarqu mietu fuq il-post għajr tlieta li ttieħdu b'urġenza lejn l-Ingilterra. Dawn kienu Zaren Sammut u Zaren Portelli li mietu ftit ġranet wara u Leli Duca li salva u għex u miet propju s-sena l-oħra. B'kollox mietu 16-il ruħ filwaqt li l-kumplament tal-passiġġieri ġarbu diversi ġrieħi.

Freddie irrakuntali li minkejja l-kobor tal-inċident kull ma ġralu kien li qala is-saba' kbir ta' idejh ix-xellugija. Fi ftit minuti *landrover* misjuqa minn Għarbi ġiet u bdiet tgħabbi l-passiġġieri li salvaw u bdiet toħodhom fis-*sickbay* li kien bħal sptar żgħir. Freddie tela' mat-tieni vjaġġ u wara li ħa l-kura ħareġ bit-tir li jiġi lura lejn Malta malajr kemm jista' jkun għax kien propju hawn li beda jħoss in-nuqqas tal-familja, l-aktar minħabba l-fatt li ma setgħax jagħmel kuntatt mal-mara tiegħu li kienet qed tistenna tarbija. Freddie għall-kuntrarju ta' ħafna minn sħabu ma riedx jiġi lura Malta bil-vapur u għalhekk jumejn wara t-traġedja, nhar it-12 ta' Ottubru kulħadd qabel li jiġu lura b'ajruplan. Hawn jien kont pront u staqsejtu kif wara traġedja bħal dik ma beżgħax jerġa' jirkeb ajruplan ieħor, iżda bit-tbissima tipika tiegħu qalli li l-familja kienet tiġi l-ewwel






u qabel kollox għalih u għalhekk ried ikun ħdejn martu mil-aktar fis possibli. Hu jkompli jirrakonta li kif wasal id-dar il-mara rrakontatlu kif kienet taf bit-traġedja. Omma kienet sejra mill-Belt Valletta għaż-Żejtun u fil-karozza tal-linja kien hemm omm Leli Duca u qalet li waqa' ajruplan bil-Maltin. Il-kunjata niżlet Bir id-Deheb fejn ġiet lejn Birżebbuġa. Kif niżlet San Ġorġ il-mara tiegħu kienet fuq l-*istage* tistenna tal-linja fejn marru d-dar u qaltila x' kien ġara. Kważi għadew 18 il-siegħa biex il-mara kienet taf uffiċjalment.

B'hekk intemmet din l-istorja li għadda minnha il-ħabib tagħna. Tul is-snin inkitbu diversi artikli fuq ġurnali u saru diversi intervisti li baqgħu jqanqlu interess fost il-qarrejja. Il-vittmi ta' din it-traġedja llum jinsabu midfunin fiċ-ċimiterju ta' l-Ingliżi f'Pembroke u ta' kull sena l-protagonisti ta' din l-istorja flimkien mal-familjari tagħhom u tal-vittmi għadhom jiltaqgħu quddiem dan il-qabar u jagħmlu quddiesa b'suffraġju għal ruħ il-vittmi. Però' hekk kif ħsibt li l-istorja kienet intemmet, Freddie bi tbissima tipika tiegħu qalli li kien għad fadallu iktar xi jgħid. Ftit ġimgħat wara li għaddiet t-traġedja u Freddie kien rega lura għan-norma tax-xogħol, kellu jsiefer fuq missjoni lejn Ċipru biex jieħu l-*Field Engieneer Course.* B'kollox kienu sitt Maltin; Freddie, Toni Micallef, Joe Zahra, Tom Harmsworth, Joe Falzon u Joe Mifsud. Qabel telgħu fl-ajruplan il-Kurunell li kien ħa jsiefer magħhom mar fuqu, ħadlu b'idu u bil-lingwa Ingliża qallu li kien jinsab onorat li ħa jsiefer miegħu wara traġedja bħal dik għax la ġrat darba kien diffiċli sabiex terġa' tiġri f'perjodu daqshekk qasir. Beda l-vjaġġ li kien pjuttost mingħajr problemi iżda kif waslu fid-destinazjoni tagħhom l-ajruplan ma setax iniżżel ir-roti. Għal Freddie dan kien ifisser xi tkaxkira oħra bl-ajruplan, peròi wara li l-ajruplan dar tliet dawriet fl-arja, r-roti nizlu u l-ajruplan niżel qawwi u sħiħ. Hekk kif niżlu l-art, il-kurunell, kollu beżgħan reġa' mar fuqu, ħadlu b'idu u b'nifsu maqtugħ għal darb'oħra bil-lingwa Ingliża qallu sabiex ma jerġax jistiednu biex isiefer miegħu. Illum forsi nitbissmu meta nisimgħu kumbinazjonijiet bħal dawn, iżda jkolli nametti li, li kieku kont jien żgur kont nitbikkem. Sena wara ajruplan ieħor tat-tip *Hasting* ikraxxja u qatel lil kulħadd abbord. Minn hemm il-gvern Ingliż iddeċieda li jeqred il-flotta kollha minħabba li kienu daħlu dubji serji dwar id-difetti tagħhom.

## Konklużjoni

Illum il-ġurnata wara 50 sena minn din it-traġedja Freddie għadu jħares lura lejn din il-ġrajja u jqisha bħala miraklu li seħħ miegħu u ma' sħabu li salvaw. Kultant lanqas ikun irid jemmen li għadda minn traġedja bħal din u baqa' ħaj. Ovvjament l-effett li ħalliet fuqu kien wieħed kbir, l-aktar fl-ewwel snin wara t-traġedja. Peròd minkejja kollox xorta waħda ma jidispjaċiehx tal-karriera li qatta' fl-armata, tant li bit-tbissima qalli li, li kieku kellu jerġa' jreġġa' l-arloġġ lura ma kien jagħmel xejn differenti minn dak li għamel. U hawn ġiet fi tmiema l-intervista li għamiltlu, li jkolli nistqarr li fost il-ħafna intervisti li għamilt, din kienet fost l-iktar interessanti. Għalhekk issa kien wasal il-ħin li nħalli lil Freddie kif sibtu, ma' sħabu jiċċajta b'dik it-tbissima simpatika tiegħu. Grazzi ta' kollox Freddie, u minn qalbi nawguralek Ad multos annos!

